TORĊA
il-gazzetta li fiha x'tagra

*minn fiona vella*

**Irrid nidħol f'kull kappella!**



*Il-gżejjer tagħna huma miżgħuda bit-tifkiriet ta' missirijietna imma tiskanta kemm il-milja ta ż-żmien għandha l-ħabta li tnessi ċerti ġraj-jiet. Fost dawn hemm l-għadd ta' kappelli ċkejknin, bosta minnhom dejjem magħluqin, donnhom abbandunati. Minn dejjem kienu jiġ-bduni lejhom, wieqfa hemm b'dik ir-rassenjazzjoni, f'dik is-solitudni. U meta fi tfuliti skoprejt il-kotba ta' Kilin, er ħini nipprova nfittex dawk il-kappelli l-aktar strambi u mwarrba b ħal bi sfida personali miegħi nnifsi. L-hena tiegħi kienet meta kont insib xi twejqa miftuħa u noqgħod niġġebbed u nittawwal fid-dlam ta' ġewwa bit-tama li nara x'hemm. Iżda jidher li dawn il-kappelli ma laqtux lili biss. Tant hu hekk li l-grupp ta' nies li ltqajt magħhom dan l-aħħar, minn dawn il-kappelli rnexxielhom jo holqu kapolavur!*

"Minn mindu kont tifel kienu jaffaxxinawni dawn il-kappelli mwarrbin u mibnijin f'postijiet remoti," beda l-kliem Rode-rick Busuttil. "Kienu jqanqluli bosta mistoqsijiet li għall-ewwel ma kontx naf nirrispondi. Ngħidu aħna, għala għandu wieħed jibni kappella bħal dik iddedikata lil San Pawl proprju f'nofs Wied il-Qlejgħa, jew kif inhi magħrufa, iċ-Chadwick Lakes? Jew x'sinifikat kellha l-kappella tal-Madonna ta' Itria moħbija f'Binġemma? Inkella x'sens kienet tagħmel il-kappella ta' San Dimitri fuq tarf ta' rdum fl-Għarb Għawdex? Min-naħa l-oħra, imbagħad, tmur fl-irħula u f'ċerti nħawi taf issib xi żewġ kappelli mibnija ħdejn xulxin, b'uħud saħansitra ħajt ma' ħajt! U tistaqsi x'riedu jgħidu bihom?"

*Għalkemm forsi wħud minn dawn id-dilemmi, Roderick g ħadu ma sabx tarf tag ħhom, min-naħa l-oħra huwa rnexxielu jsarraf din il- ġibda tiegħu f sit mill-aktar informattiv dwar dawn il-kappelli li huma tant g ħal qalbu. Jista' jkun li x-xorti da ħkitlu ftit ukoll g ħax flimkien miegħu hemm grupp ta' nies jaħdmu qatiegħ biex permezz tas-sit www.kappellimaltin.com jiftħu b'mod virtwali bosta minn dawn il-kappelli biex il-pubbliku jkun jista' japprezzahom aktar. Poġġejna madwar mejda ta' kafeterija nixorbu belg ħa tè sħuna u sadanittant bdejt insir naf aktar lil dan il-grupp u x-xog ħol li jwettqu.*

"Kull tant żmien, jiena u Roderick konna ntellgħu xi programmi għar-radju u darba waħda staqsewna jekk konniex lesti li ntellgħu sensiela sħiħa dwar xi suġġett partikolari. Wara ħafna diskussjonijiet iddeċidejna li nibnu sensiela dwar il-kappelli u għalhekk intfajna nagħmlu r-riċerka dwarhom fosthom permezz tal-kotba ta' Kilin," kompla jirrakkontali did-darba Joe Brincat. "Organizzajna wkoll diversi intervisti ma' individwi li kienu ntiżi f'dan il-qasam bħall-Prof. Stanley Fiorini, il-Prof. Michael Buhagiar, ir-riċerkatur Tony Terribile, l-espert fil-qasam tax-xwieni Joseph Muscat u anki ma' Kilin innifsu li stqarr magħna li fil-kotba li ħareġ fil-bidu kellu xi żbalji li eventwalment kienu rranġati kollha fil-ktieb 'Wayside Chapels'. Preżentament, wieħed jista' jisma' dawn l-intervisti minn fuq is-sit tagħna."

*Infatti, tant ġabru informaz-zjoni li Noel Ciantar ħajjarhom biex itellg ħu sit biex din ir-riċerka ma tintilifx u anke biex jag ħtu daqsxejn promozzjoni lill-programm tagħhom tar-radju "Mat-Tokki ta' Qniepen Żgħar". L-idea ntog ħġbot u Noel sab ruħu jfassal hu stess dan is-sit, tant li llum huwa l-webmaster tieg ħu.*



"Is-sit infetaħ għall-pubbliku ftit qabel beda l-programm tar-radju, fit-22 t'Ottubru tal-2007. Għalkemm il-programm innifsu spiċċa wara disa' xhur u kien ta' suċċess kbir tant li baqgħu jixxandru r-repetizzjonijiet tiegħu, dil-ġimgħa se niċċelebraw ir-raba' anniver-sarju mit-twaqqif tas-sit.
Ftit ftit in-nies bdiet issir midħla tas-sit tagħna sakemm illum nistgħu ngħidu li kull min hu tassew dilettant ta' dawn il-kappelli, xi darba jew oħra daħal fih jew għallinqas sema' bih, filwaqt li oħrajn jużawh bħala mezz ta' referenza. Is-saħħa tiegħu tinsab fil-kwantità u l-kwalità ta' informazzjoni li hemm miġbura f'post wieħed, tant li meta s-sena li għaddiet semmew is-sit tagħna fl-aħbarijiet tal-istazzjon nazzjonali, irreferew għalih bħala enċiklopedija.
"Biex nagħtik ħjiel, apparti informazzjoni dettaljata dwar għadd ta' kappelli, wieħed isib ukoll listi sħaħ ta' isqfi- jiet, granmastri, muniti, inkwiżituri, papiet u żjajjar pastorali. Hemm ukoll glossarju li jagħti t-tifsira ta' għadd ta' kliem relatat ma' dan il-qasam, informazzjoni dwar xi qaddisin u intervisti ma' individwi dwar xi passatempi tagħhom. Illum is-sit jikkonsisti f'200 paġna," qalli kburi Noel.

*Spjegawli kemm sigħat jidde-dikaw g ħar-riċerka minħabba li huma jkunu jridu jikkonfermaw li dak li jiktbu jkun validu u minnu, segwit, kif xieraq b'referenzi relatati. Anthony M. Brincat li huwa espert f dan il-qasam tal-kappelli, g ħandu r-rwol ta' konsulent tal-grupp.*

"Fil-gżejjer tagħna hawn 328 kappelli (eskluż il-kappelli privati u dawk li jinsabu fil-kunventi u fiċ-ċimiterji)," infurmani Roderick. "Anthony dar dawn il-kappelli kollha u għamel studju intensiv dwarhom. Infatti, kien ta' għajnuna siewja biex niksbu l-informazzjoni, ir-ritratti u biex insiru nafu fejn qegħdin ħafna minnhom.
"S'issa aħna żorna 220 kappella, għalkemm fis-sit għandna informazzjoni dettaljata dwar 132 minnhom. Imma jien għandi ħolma li nixtieq inwettaq.... xi darba rrid nidħol fihom kollha! Fi tfuliti kont inħobbhom il-kappelli imma llum iffissat!
"Biex tifhimni nista' nirrakkontalek kif dakinhar li ħriġna l-inviti tat-tieġ, jien kont qed indur il-kappelli ma' Anthony u ma' Joe u l-invit tajtulhom hemm."

*Mhux hekk biss, imma spiċċa biex daħħal f'din l-istorja anke lill-mara tiegħu Caroline li f'dan il-grupp kienet assenjata r-rwol tal-fotografu uffiċċjali.*

"Meta konna għadna għaraj-jes Roderick kien moħħu biex immorru nżuru dawn il-kappelli u jien biex ma niddejjaqx bdejt nieħu r-ritratti. Bdew joħorġu tajbin u ntogħġbu u b'hekk sibt ruħi bir-responsabbiltà li niġbed ir-ritratti tal-kappelli. Mhux faċli daqs kemm wieħed jaħseb li tieħu ritratti sbieħ ta' dawn il-kappelli u mhux darba u tnejn li spiċċajna morna aktar minn darba fl-istess post sakemm sibna l-mument tajjeb. Daqqa ssib xi karozza pparkjata eżatt quddiemhom, drabi oħra trid tara kif tipprova tnaqqas mill-wires u l-arbli li jkerrhu l-ambjent ta' madwarhom u mbagħad hemm oħrajn li trid tmur f'xi ħin partikolari biex tiġbidhom minħabba li x-xemx tinzerta eżatt warajhom f'ċerti ħinijiet u ma tieħux ritratt wieħed sura."

*Kollha qaluli li wieħed mill-akbar xkiel huwa biex tinzerta ssib xi kappelli miftuħa jew biex issib lil xi ħadd lest li jiftaħhomlok.*

"Hemm ċerti kappelli li jinfetħu darba fis-sena biss għal xi okkażjoni partikolari, filwaqt li oħrajn huma abbandunati jew ma jinfetħu qatt. Infatti, illum jien u Caroline noħorġu dejjem bil-kamera magħna ħalli jekk ninzertaw xi waħda miftuħa, nieħdu x-xoqqa f'moxtha. B'xorti tajba kemm ilni naħdem fuq dawn il-kappelli għamilt bosta ħbieb u kuntatti. Biż-żmien skoprejt li f'kull raħal jew belt fil-gżejjer tagħna, dejjem se ssib lil xi individwu li tassew ikun dilettant jew intiż fl-istorja u li jirranġalek biex tidħol fil-kappelli tal-post, bħal ngħidu aħna Tony Abela li fetħilna l-kappelli kollha taż-Żejtun. Għalina huwa importanti ħafna li nuru l-kappelli kemm minn barra kif ukoll minn ġewwa għax ġeneralment dak se jkun l-uniku mezz kif il-pubbliku jkun jista' jara l-intern ta' ċerti postijiet."

*Interessanti l-fatt li dan il-grupp ġibidli l-attenzjoni li meta nirreferu għal dawn il-binjiet bħala kappelli nkunu qegħdin niżbaljaw...*

"Proprjament, il-kappella hija parti mill-knisja u ma tistax tkun fiżikament maqtugħa għaliha: infatti llum il-kurituri li nsibu fuq kull naħa ta' knisja nafuhom bħala kappelluni. Meta l-Isqof De Mello żar Malta fis-seklu ħmistax huwa sab l-ewwel għaxar kappelli (u mhux waqqafhom kif hawn min isostni!). Dak iż-żmien De Mello rrefera għalihom bħala cappelli di campagna li biex nifthiemu kienu qishom il-parroċċi ta' llum. Meta mbagħad ġie l-Isqof Dusina fis-seklu sittax huwa sejħilhom chiese di campagna u allura dawn suppost jissejħu knejjes żgħar u mhux kappelli."

*Ilkoll saħqu li s-sit huwa ideali għax dejjem tista' żżid fuqu. Infatti, meta xi ħadd jibagħtilhom xi biċċa informazzjoni tajba jew xi ritratt li jista' jkun inkluż fis-sit, huma jilqgħuha bil-qalb kollha għax jixtiequ li s-sit ikun meqjus bħala "ta' kulħadd". Dan l-aħħar il-grupp fetaħ ukoll paġna fuq Facebook bl-isem 'Kappelli Maltin – Wirt Artna'.*

"Xi kultant ninnota li l-Facebook jolqot tip ta' nies differenti minn dawk li jidħlu fis-sit," fehmitni Caroline. "Forsi għax fuq Facebook l-informazzjoni hija aktar kompatta. Huwa wkoll aktar interattiv għax jagħti ċ-ċans lil dak li jkun li jistaqsi mistoqsija u ftit wara jibda jara r-risposti deħlin lura... u mhux minn għandna biss! Infatti sikwit jiġri li minn suġġett jispiċċaw jifirxu fuq ieħor u jinħoloq djalogu sħiħ. Il-Facebook jagħtik opportunità li tiltaqa' ma' nies li aktarx li kieku ma kienx hu, qatt ma kont se tiltaqa' magħhom. Per eżempju, ftit ilu tellajna ritratt ta' kampnar ta' kappella u staqsejna lill-imsieħbin jekk hux kapaċi jagħrfu ta' fejn kienet. Dlonk weġibna qassis li qalilna li hu xeba' jqaddes hemmhekk u hekk allura issa għandna kuntatt ieħor għal din il-kappella. Intant, fuq din il-paġna tal-Facebook aħna ntellgħu xi ftit informazzjoni ġdida minn żmien għal żmien biex inħajjru lin-nies jinġibdu aktar lejn il-kappelli."

*Infatti, meta dħalt fil-paġna tagħhom sibt li kien hemm mad-900 membru u wħud minnhom jagħtu kontribut interessanti mmens. Ngħidu aħna Jacqui Agius poġġiet ritratti ta' pitturi mill-isbaħ ta' kappelli lokali li pittret hi. Oħrajn, bħal John Scerri, Malti li joqgħod il-Kanada, u li bosta drabi jaqta' fejn huma l-kappelli ħafna qabel nagħrfuhom aħna li noqogħdu hawn, iħobb jinkludi xi ritratti antiki ta' kappelli li llum m'għadhomx jeżistu. Ħaġa twassal għall-oħra u finalment il-grupp idde ċieda li jagħti widen għat-talbiet tal-membri biex tin ħoloq għaqda biex tlaqqa' lil dawk li japprezzaw il-kappelli.*

"Konna ilna nixtiequ li nagħmlu għaqda għan-nies li jħobbu l-kappelli, għalkemm fl-istess ħin, nixtiequ nżommu s-sit u l-għaqda separati minn xulxin. F'Lulju li għadda ppruvajna naraw kemm kien hemm interess. Għalhekk organizzaj-na l-ewwel laqgħa f'kappella f'Ħ'Attard u kellna attendenza sabiħa. B'hekk għamilna l-qalb u flimkien ma' numru ta' individwi oħra bdejna naħdmu biex titwaqqaf din l-għaqda b'mod formali. Fil-fatt il-laqgħa ġenerali fundatorja tal-Għaqda Ħbieb tal-Kappelli Maltin se ssir għada t-Tnejn, 24 t'Ottubru 2011 fis-7.00pm fis-Sala Parrokkjali ta' Sant'Elena f'Birkirkara."

*Kont kurjuża liema minn dawn il-kappelli kienu l-aktar għal qalbhom. Noel jippreferi dawk li jgawdu minn xenarju mill-isbaħ u għalhekk għażel il-Kappella tal-Madonna ta' Itria li tinsab f'Bin ġemma u dik li hija ddedikata lil Santa Marija Maddalena li hemm fuq l-irdum ta' Ħad-Dingli. Caroline tippreferi l-Kappella ta' San Pawl Eremita li hemm fil-Mosta għax tinsab maqtugħa għaliha mistura fgħar f'wied. Lil Joe jaffaxxinawh l-aktar il-kappelli tal-perjodu medjevali...*

"Il-Kappella tas-Simblija li hemm Ħad-Dingli bilkemm tingħaraf li hi kappella u għalhekk tiġbidni. Imbagħad hemm ukoll il-Kappella ta' San Mikiel is-Sanċir fir-Rabat, Malta li apparti l-arkitettura partikolari tagħha, tinsab f'nofs l-għelieqi, maqtugħa mill-bini modern, u meta tidħol fl-ambjent tagħha tħossok qisek mort lura fiż-żmien. Kienu rrestawrawha madwar 20 sena ilu imma sfortunatament issa reġgħet qiegħda tiddeterjora. Għax l-ikbar problema ta' dawn il-kappelli hija li jekk ma ssibilhomx funzjoni, akkost li tirrestawrahom, jekk tabbandunahom mill-ġdid u ma ssibilhomx funzjoni, dawn jerġgħu lura għall-istat ħażin li kienu fih qabel."

*Ma kellix għaliex nistaqsih wisq lil Roderick liema kienu l-favoriti tiegħu għax ir-risposta bsartha.*
"Jien kollha nħobbhom għax kollha sbieħ. Kif tista' ma tħobbhomx meta tibda tara d-dedikazzjoni kbira li dawn inħadmu u żżejnu biha matul iż-żminijiet? Imma jekk għandi nsemmilek tnejn ferm għal qalbi dawn huma dik ta' San Dimitri għax taffaxxinani l-leġġenda tagħha u dik Tal-Lunzjata f'Ħal-Millieri għax l-affreski li fiha huma inkre-dibbli."

*Tkellimna fuq mitt ħaġ'oħra li mpossibbli ninkludihom kollha hawnhekk. Il-grupp għandu għatx kbir għal aktar informazzjoni dwar il-kappelli tal-gżejjer tagħna u għalhekk huma jistiednu lil kull min jixtieq jgħaddilhom xi tagħrif biex jikkuntattjahom. Sostnew li huma jagħtu kreditu*

*xieraq fis-sit tagħhom lil kull min jagħti xi tip ta' kontribut. Sadanittant, fit -22 ta' Ottubru 2011 attendejt għall-attività li organizzaw biex jiċċelebraw ir-raba' anniversarju minn meta beda s-sit* www.kappellimaltin.com

"Għażilna li mmorru nduru dawra mal-kappelli ta' Birkirkara, taħt il-gwida ta' Philip Xuereb biex infakkru din l-okkażjoni. Sfortunatament, setgħu jattendu biss 25 persuna u l-postijiet mal-ewwel inbelgħu. Però, jekk ikun hemm biżżejjed nies interessati biex norganizzaw xi attività oħra bħal din, aħna nagħmlu mill-aħjar li nistgħu biex nikkuntentawhom."

*Staqsejthom x'inhu l-iskop wara dan ix-xog ħol u l-entużjażmu kollu?*

"L-iskop prinċipali tagħna huwa li nqajmu l-interess fil-kappelli għax nemmnu li b'hekk tħajjar lin-nies biex imorru jarawhom. Imbagħad jekk in-nies isibu xi kappelli magħluqin, se jaraw kif jagħmlu biex jiftħuhomlhom. U meta jirnexxielhom, jekk isibuhom f'kundizzjonijiet ħżiena, se joħolqu pressjoni biex dawn ikunu restawrati. Dan iċ-ċiklu huwa l-għan aħħari tagħna biex ftit ftit dawn it-teżori ċkej-knin tagħna jingħataw lura s-sbuħija u d-dinjità mill-ġdid."